MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 15

28 ta' Jannar 2014

Minuti tas-seduta Nru.15 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Viċi Sindku C. Bartolo li kien skużat minħabba raġunijiet familjari. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar - kienet skużata wkoll minħabba raġunijiet ta' studju. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-minuta 2.4.6. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

> *"2.4.2.Il-Kunsillier J. Gauci qal li għandu jiġi kkunsidrat li biex Milied Mellieħi ma jkunx daqshekk spiss, forsi jista' jsir kull sentejn."*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 14, bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Bring-In Sites* fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax (K/6/10/Vol III) (X/1/3/Vol VII)

2.1.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 2.2.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser issir laqgħa fit-30 ta' Jannar 2014 ma' uffiċjali minn Green MT Ltd, mill-Cleansing Services Department, mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart reċikabbli mill-Għadira

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Tibdil fl-iskema tal-iżvilupp f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 4.4.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*Contracts Manager* fl-20 ta' Jannar 2014, bgħat ittra formali lill-MEPA bir-rispons tal-Kunsill dwar it-tfassil ta' skema ġdida għaż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija. Huwa qal ukoll li l-proposti tal-iżviluppaturi ġew temporanjament miżmuma sakemm tiġi finalizzata l-iskema l-ġdida.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. *Cameras* f'postijiet panoramiċi (C/9)**

2.3.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għall-minuta 13.2. tas-seduta preċedenti u kkummenta li kemm-il darba ser isir reklamar mid-ditta li ser tinstalla l-*cameras*, l-istess tagħmir għandhom jinxtraw minnha u mhux jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-punt imqajjem.

**2.4.1. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia (M/4/2/Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 16.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-minuti tal-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Ambjent u s-Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi ġew mgħoddija lill-istess Segretarjat bil-għan li tittieħed azzjoni dwarhom.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/01/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/01/14 – 24/01/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi – l-Onor Michael Farrugia MP – 07/01/14;
- Stimi dwar Tagħmir ta' *On-line Streaming* ta' Seduti tal-Kunsill – 14/01/14;
- *Bill of Quantities* u Stima dwar Xogħol ta' Manutenzjoni fuq il-Batterija ta' Westreme;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2014;
- Pjan dwar it-Tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ – Abbozz;
- Termini ta' Referenza - Pjan ta' Tmexxija dwar il-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Riklamar mid-Dogs Trust Malta (T/4/3/Vol II)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mid-Dogs Trust Malta sabiex jingħataw spazju għar-reklamar f'post prominenti fil-Mellieħa bil-għan li jippromwovu l-kampanja tagħhom favur il-klieb.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jeżistux postijiet fejn jista' isir dan it-tip ta' riklamar. L-uniku spażju li jista' jiġi offrut huwa l-*billboard* li hemm fit-telgħa ta' Selmun, meta dan ma jkunx qed jintuża għar-reklmar tal-attivitajiet tal-Kunsill.

**4.2.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (T/4/3/Vol II)**

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 8 ta' Jannar 2014, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn it-8 u t-18 ta' April 2014. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.2.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Intalab ukoll sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-organizzatturi sabiex ma jħallu xejn fuq il-post hekk kif jitneħħew il-kartelluni.

**4.3.1. Reklamar fuq *barriers* fit-toroq (T/4/3/Vol II)**

4.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 13 ta' Jannar 2014, mibgħut minn Active Group of Companies fejn talbu sabiex jirriklamaw is-servizzi tal-istess ditta fuq il-*barriers* li jeżistu f'diversi toroq fil-lokalita`.

4.3.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba skont il-*policy* addottata.

### 4.4.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u Tindif ġewwa l-Aħrax (A/5/3/1/Vol XIV)(T/6/1/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 21 ta' Jannar 2014, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħin offriet li tieħu f'idejha l-isparatura annwali fl-okkazjoni ta' Jum il-Kunsill fit-7 ta' Marzu 2014.

4.4.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-istess *e-mail*, l-għaqda qalet li ser tkun għaddejja b'tindif fl-imsaġar ġewwa l-Ahrax fil-Ħdud li jaħbtu fis-26 ta' Jannar, fl-4, 9 u 16 ta' Frar u fit-2 ta' Marzu 2014. Sar appell sabiex il-Kunsill jipprovdi ħames *skips* ħalli jitqiegħed fihom l-iskart li jinġabar.

4.4.4. Permezz ta' *e-mail* ieħor datat 27 ta' Jannar 2014, l-istess għaqda offriet li twettaq xogħol ta' restawr madwar girna li ġiet restawrata minnhom stess xi snin ilu. Fl-istess post ser inaddfu minġbel (barriera antika), tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ u jitħawwlu siġar indiġini. Dan ix-xogħol jirrikjedi l-kiri ta' għodod, ġarr minn fuq il-post, tabelli eċċ, li jinvolvu spiża ta' madwar €812.

4.4.5. Il-Kunsill approva li jappoġġja din l-inizjattiva volontarja peress li l-post huwa wieħed aċċessibbli għall-pubbliku u huwa mfittex għall-*picnics*.

### 4.5.1. Kumitat Reġjonali dwar it-Turiżmu (T/12/3)

4.5.2. Saret referenza għal *e-mail* mibgħut mill-Ministeru tat-Turiżmu datat 23 ta' Jannar 2014, fejn sar aċċenn għal-laqgħa ta' informazzjoni li saret ftit tal-jiem qabel għall-partijiet kollha interessati. Fl-istess *e-mail* il-Kunsill ġie mfakkar sabiex jinnomina tliet persuni bil-għan li jirrappreżentaw l-istess Kunsill, lir-residenti u lill-komunita` kummerċjali.

4.5.3. Is-Sindku ressaq dawn in-nomini:

- Clayton Bartolo (Viċi Sindku) sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill;
- Patrick Cutajar (Kunsillier) sabiex jirrappreżenta lir-residenti; u
- Arthur Gauci biex jirrappreżenta lill-komunita` kummerċjali.

Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-Kunsillier P. Cutajar huwa wkoll membru fuq il-kunsill tal-General Retailers and Traders Union u għalhekk jista' jiġi nominat wkoll minn dak l-istituzzjoni.

4.5.4. Is-Sur P. Cutajar qal li huwa ser jikkonsulta mal-GRTU u jinforma lill-Kunsill sabiex jinstab sostitut kemm-il darba huwa jiġi magħżul biex jirrappreżenta lill-GRTU.

4.5.5. Is-Segretarju għarraf ukoll li fl-istess *e-mail* il-Kunsill intalab jindika, proġetti, miżuri u iniżjattivi li jeħtieġ jittieħdu fl-immedjat u/jew fuq medda ta' snin.

4.5.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li bħala miżuri li jridu jiġu trattati fi żmien qasir hemm:

- It-titjib fl-infrastruttura ta' bajjiet bħalma hija dik tall-Armier, fejn jeħtieġ li jissewwew il-mollijiet u l-banjijiet li saru perikolużi minħabba l-ħsara li saritilhom bil-baħar; u
- Jitfassal pjan komprensiv dwar is-servizz ta' tindif tal-Bajja tal-Għadira bil-għan li jinżamm l-istatus tal-*Blue Flag*. Dan ikun jinkludi fost oħrajn, *bins* għas-separazzjoni tal-iskart u servizz għat-tbattil tagħhom; monitoraġġ ta' attivitajiet kummerċjali u ta' rikrejazzjoni (*barbeques*, ikkampjar, ingombru); servizzi ta' emerġenza eċċ.

4.5.7. Bħala miżuri li jridu jitwettqu fuq medda ta' snin, il-Kunsill indika:

- It-teħid ta' deċiżjoni dwar ser jiġri mill-*promenade* tal-Għadira *vis-a-vis* il-proġett tat-TEN-T u miżuri li għandhom jittieħdu biex titrażżan l-erożjoni tar-ramel mill-Bajja tal-Għadira; u
- Titjib fl-infrastruttura fil-bajjiet tal-Armier iż-Żgħir u dik tat-Torri l-Abjad, fejn jeħtieġ li jitħarsu l-għaram tar-ramel.

### 4.6.1. Mistoqsijiet Parlamentari (P/1/2/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-mistoqsija Parlamentari (PQ 7330) dwar il-proġett tal-funikular bejn l-Għadira u l-parti urbana tal-Mellieħa. Huwa qal li ngħatat tweġiba fuq l-istess linji tal-istqarrija li saret minnu waqt is-seduta Nru. 8 tas-26 ta' Awwissu 2013, fejn intqal li l-proġett ċertament ma jistax jidħol għaliħ il-Kunsill bil-mezzi finanzjarji tiegħu. Minkejja dan, l-ideja qed tissemma bil-għan li jista' ikun hemm interessi privati li jitħajru jinvestu fiħ, jew isir xi forma ta' *private public partnership*. Fi kwalunkwe kaz, jeħtieġ li jsiru l-istudji minn qabel sabiex wieħed ikun jista' jistabilixxi l-vijabilita` tal-proġett. Is-Sindku kompla jgħid li huwa ddiskuta l-proposta ma' persuni mill-qasam politiku li jemmnu illi l-proposta hija waħda interessanti.

4.6.3. Is-Sur J. Buttigieg irrefera wkoll għal interpellanza oħra (PQ 7329) fejn saret referenza għar-rotot tal-karozzi tal-linja li ġew ippubblikati ftit qabel minn Transport Malta. Il-Kunsill ġie mistoqsi liema huma dawk il-proposti mressqa minnu li ġew aċċettati. Is-Sindku qal li ngħata rendikont ta' dawk li ġew approvati, dawk li milqugħa parzjalment u oħrajn li ma ntlaqgħux. Huwa għarraf ukoll li talab lill-Transport Malta tgħaddilu d-dettalji kollha tat-tibdil li qed jiġi propost min-naħa tagħhom.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Allegat danni sofferti wara korriment fir-Ramla tal-Mixquqa (D/5/Vol II)

4.7.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 15 ta' Jannar 2014 mibgħuta mill-Avukat Marilyn Mifsud, f'isem Maria Anne Mangion li fit-28 ta' Ottubru 2013 allegatament korriet wara waqa' fir-rampa li hemm bejn il-parkeġġ u r-Ramla tal-Mixquqa. Dan l-inċident kien kawża tar-rampa wieqfa, li kienet tiżloq bir-ramel, kif ukoll minħabba nuqqas ta' tabelli li jwissu dwar dan. Ġie allegat ukoll li m'hemmx taraġ u puġġaman. Minħabba dan l-inċident l-imsemmija persuna kisret saqajha u ma setgħetx tattendi għax-xogħol, filwaqt li għadu m'għaddielhiex kompletament. Bħala kumpens is-Sinjura Mangion qed titlob €20,000. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-każ ġie mgħoddi lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill.

4.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.8.1. Terminazzjoni ta' qbiela u talbiet għal kumpens (P/4/6/Vol IV)

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 8 ta' Jannar 2014 mibgħuta mill-Ombudsman dwar kumpens wara allegat telf ta' prodott meta ttieħed raba bl-iżvilupp tal-Park tal-Familja. Il-persuna konċernata – Alden Grima – ilmenta mal-Ombudsman li l-Kunsill naqas li jagħti tweġiba formali għat-talba tiegħu.

4.8.3. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li nkiseb parir mill-konsulent legali u ngħatat tweġiba fis-sens li:

- Il-Kunsill Lokali la huwa il-proprjetarju u lanqas huwa l-possessur legali tal-art in kwistjoni, liema titlu jappartjeni lid-Dipartment tal-Artijiet. Il-Kunsill ingħata din l-art b'titolu ta' *encroachment* u għaldaqstant kwalunkwe talba għandha tiġi ndirizzata lis-sid leġittimu u li għandu titolu, liema posizzjoni kienet minn dejjem konxju tagħha s-Sur Grima;
- Il-Kunsill ma jidhirlux li għandu jingħata kumpens peress li r-raba ma kienx jinħadem u għandu ritratti li jixhdu dan;
- Il-kumpens mitlub huwa wieħed esaġerat u kull stima sottomessa ma tikkorrispondix mal-prezzijiet tas-suq għall-allegat prodott li kien jitkabbar; u
- Biex jissostanzja t-talba tiegħu, is-Sur Grima għandu jgħaddi r-returns tat-taxxa fuq id-dħul, kif ukoll dokumenti oħra bħalma huma *vouchers* tal-pitkali eċċ.

4.8.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.9.1. Sessjonijiet tal-*keep fit* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

4.9.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal *e-mail* datat 24 ta' Jannar 2014, mibgħut mill-Kunsill Malti għall-Isports, fejn is-sessjonijiet tal-*keep fit* li bdew f'Ottubru 2013 kienu waslu biex jintemmu billi ġew eżawriti il-fondi tal-iskema mħabbra permezz ta' Memo 49/2012,

maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-uffiċjal konċernata staqsiet dwar jekk il-Kunsill fadallux fondi biex dawn is-sessjonijiet jitkomplew.

4.9.3. Is-Segretarju qal li l-iskema tal-attivitajiet sportivi għadha ma ġietx imħabbra u għalhekk il-kors irid jiġi ffinanzjat kollu mill-fondi ordinarji tal-Kunsill.

4.9.4. Is-Sur J. Attard qal li l-għalliem assenjat mill-Kunsill Malti għall-Isports jinvolvi nefqa ta' €19 kull sessjoni, li għal darbtejn fil-ġimgħa, bejn Jannar u Mejju 2013 jammonta għal nefqa ta' €800.

4.9.5. Il-Kunsill qabel li għandu jassorbi din in-nefqa permezz tal-vot tal-Korsijiet (3260), u kemm-il darba tiġi mnedija l-iskema tal-Isports mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għandha ssir applikazzjoni bil-għan li jiġu rkuprati li l-ispejjeż li jsiru, jew parti minnhom.

### 4.10.1. Attivita` karnivaleska (A/5/5/Vol VII)

4.10.2. Is-Sindku irrefera għad-diskussjoni li kien hekk fis-seduta Nru. 13 dwar il-possibilta` li tiġi organizzata attivita` waħda fl-okkażjoni tal-Karnival 2014 flimkien mal-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa. Huwa qal li sad-data tas-seduta kien hemm rispons biss mis-Societa` Filarmonica La Vittoria, li wieġbu permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar 2014.

4.10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tingħata konferma li l-attivita` hija ppjanata li sseħħ fl-1 ta' Marzu 2014. Kien hemm qbil li għandha tintalab stima dwar l-ispiża involuta fil-parteċipazzjoni tal-banda.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Jannar 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-5 u l-24 ta' Jannar 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

### 7.1. Żvilupp ta' art bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq in-Naħal għal skop ta' rikrejazzjoni (P/4/27)

7.2. Is-Sindku issusspenda s-seduta sabiex il-Perit Joseph Attard ikun jista' jispjega l-kontenut tal-pjanti li huwa ħejja bil-għan li dawn jiġu sottomessi lill-MEPA.

7.3. Il-Perit J. Attard spjega li fis-sit jeżistu żewġ strutturi – waħda hija s-*sub-station* tal-Enemalta u l-oħra hija kamra abbandunata li tmiss ma' Triq l-Etna. Ta' l-aħħar jeħtieġ li titwaqqa' fil-waqt li l-oħra ma tistax titneħħa. Ġie spjegat li d-disinn tal-proġett huwa wieħed kważi simetriku b'taraġ fin-nofs li jgħaqqad bejn Triq l-Għasel (il-parti li għad-trid tiġi ffurmata) u Triq l-Etna. Ittieħdet in konsiderazzjoni t-topografija tas-sit u għalhekk il-ġwiebi għall-ilma tax-xita ser ikunu fin-naħa t'isfel, biswit Triq l-Etna. Ġie spjegat li l-proġett jinkludi wkoll sensiela ta' *planters* bil-ħamrija wietja u oħajn bil-wiċċ imħatteb. Huwa ppjanat ukoll li jitpoġġew tnax-il bank u numru ta' dwal tat-tip *down lighters* u *up lighters.* Ser ikun hemm kamra biswit is-*sub-station* sabiex tintuża għall-ħażna tal-għodod. Il-Perit Attard qal li huwa jistma lill-proġett li jiswa €328,877.

7.4. Wara li tkompliet is-seduta, il-Kunsill approva d-disinn u talab lill-perit iressaq applikazzjoni għall-permess mal-MEPA.

### 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi permezz ta' sitt kuntratti datati 21 ta' Frar 2012 u 31 ta' Jannar 2013, id-Dipartiment tal-Artijiet għadda b'titolu ta' kera seba' proprjetajiet fiż-żoni ta' Selmun u l-Imġiebaħ skont il-policy ta' devoluzzjoni addottata mill-Gvern Ċentrali, liema beni jikkonsistu minn:***

- ***Pillbox tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-Ballut tal-Imġiebaħ'***

- *Pillbox tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-art ta' madwarha f'Selmun;*
- *Ilqugħ u Culvert għall-Ilma tax-Xita fil-Ballut tal-Imġiebaħ;*
- *Kumpless ta' Irziezet f'Selmun;*
- *Miġbħa tan-Naħal u l-Art ta' madwarha fl-Imġiebaħ;*
- *Stalla (Ċikken) u l-Bir tal-Ħnejja f'Selmun; u*
- *Beachpost tat-Tieni Gwerra Dinjija jħares fuq il-Bajja tal-Imġiebaħ;*

***Billi l-intenzjoni tal-Kunsill hija li dan il-post ikun jista` jitgawda mill-pubbliku, iżda minħabba l-limitazzjonijiet fir-riżorsi umani mhux possibbli li jmexxi l-imsemmija bena, mingħajr spiża rikorrenti minn sena għall-oħra; u***

***Billi l-Fondazzjoni ARKEO (VO 0375) uriet li lesta tidħol għal dan l-inkarigu, a spejjeż tagħha, skont abbozz ta' ftehim li ġie approvat kemm mill-Kunsill, kif ukoll mill-istess Fondazzjoni, li t-test tiegħu ġie approvat fis-seduta tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiġu awtorizzati jiffirmaw l-imsemmi ftehim għall-sentejn b'effett mill-1 ta' Marzu 2014.". (P/10/3/A)(P/10/3/Vol III)***

8.2. Is-Sindku stqarr li għadhom jeżistu problemi fir-rigward tal-kuntrattur Salamanda Ltd li għad għandu xogħol fuq l-aperturi tal-injam li għadu mhux konkluż.

8.3. Is-Sur J. Buttigieg rrefera wkoll s-Sur Paul Mifsud ippreżenta l-abbozz tal-istudju ikkummissjonat lilu dwar il-tmexxija tal-*heritage trail*. Kompla jgħid li diġa saret laqgħa u mal-*Project Manager* bil-għan li jiġi żgurat li dan sar skont it-termini ta' referenza li ngħataw meta saret is-sejħa. Kopja tal-istess abbozz tqassmet lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta. Dan ir-rapport ser jiġi mgħoddi lill-partijiet kollha nteressati sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom qabel l-abbozz finali jiġi mressaq għall-approvazzjoni finali tal-Kunsill. L-entitajiet li ser jiġu kkonsultati huma:

- L-Aġenzija tal-Pagamenti;
- Is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali;
- L-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu;
- Il-Fondazzjoni ARKEO; u
- Ir-Ramblers Association.

8.4. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)

9.2. Is-Segretarju għarraf li l-formoli tan-nomini flimkien mal-kriterji addottati għall-edizzjoni 2014 intbagħtu lill-għaqdiet. Din l-informazzjoni ttellgħet ukoll fuq il-mezzi elettroniċi tal-Kunsill.

9.3. Is-Sindku fakkar li din l-attivita` qed tiġi kordinata minnu u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u Patrick Cutajar, li min-naħa tagħhom qed jipproponu li s-serata illi fiha jiġu ppreżentati n-nominazzjonijiet għandha ssir fil-Maritim Hotel Antonin & Spa fis-7 ta' Marzu 2014.

9.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ipproponiet li tittellgħa wirja ta' ritratti bl-attivitajiet li kien hemm fl-aħħar sena, kif ukoll il-proġetti li hemm maħsuba għall-2014. Flimkien ma' dan ser ikun hemm *feature* li jinkludi intervisti mal-erba' Sindku li kien hemm fl-aħħar għoxrin sena, liema *feature* ma jieħux inktar minn tnax-il minuta.

9.5. L-istess kunsilliera issuġġerixxiet li s-Sibt 8 ta' Marzu jsir *business breakfast* fil-lukanda Maritim, fejn jiġi mniedi il-*Mellieħa Business Forum* li jkun immexxi minn Ms Sylvia Gauci flimkien ma' panel magħmul minn żewġ kunsillieri, rappreżentant mis-settur tal-lukandi, ieħor minn tar-ristoranti, u tnejn oħra mill-komunita` kummerċjali in ġenerali.

9.6. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li għas-Sibt filgħodu wkoll jista' jiġi organizzat *tournament* bejn it-tfal tal-Mellieħa Football Nursery, filwaqt li wara nofsinhar ikun hemm logħba baseball u possibilment issir il-finali tal-League tas-Snooker organizzat mill-Kunsill.

9.7. Ġie propost li l-Ħadd 9 ta' Marzu ssir Quddiesa fil-Knisja tal-Manikata, fejn jiġu mistiedna jattendu l-għaqdiet. Ġie propost li fl-istess jum issir attivita` għall-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

9.8. Tressqet proposta sabiex l-attivitajiet kollha jkunu miftuħa għall-pubbliku. Il-Kunsill ma qabilx li s-serata tas-7 ta' Marzu tkun miftuħa għall-pubbliku in ġenerali, minħabba limitazzjoni ta' postijiet. Minkejja dan għandu jkun hemm numru ta' inviti li jitħallew għal minn jixtieq jattendi. Il-bqija tal-proposti mressqa ġew approvati.

## 10.1. Kuntratt dwar il-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol VI)

10.2. Is-Segretarju staqsa dwar jekk dan is-suġġett ġiex diskuss fil-Kumitat Reġjonali sabiex jiġi stabbilit jekk għandiex toħroġ sejħa komuni għall-Kunsill Lokali kollha msieħba, kif sar fil-passat.

10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li s-suġġett ġie diskuss u hemm membri fil-kumitat li qablu mal-ħruġ ta' sejħa komuni.

## 11.1. Kuntratt dwar l-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol V)

11.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-Memo 3/2014 tas-16 ta' Jannar 2014 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għarraf li għaddejjin diskussjonijiet dwar l-iskart li jaffettwaw is-servizz tal-ġbir tal-iskart ġoff, skart imħallat u separat, *skips*, u knis tat-toroq. Għaldaqstant fir-rigward ta' sejħiet għall-offerti, il-Kunsilli Lokali għandhom ikollhom d-dritt li jinforzaw fuq il-kuntrattur kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed fuq l-istrateġija tal-iskart. Għaldaqstant jekk ikun hemmm piż finanzjarju fuq il-kuntrattur, il-Kunsill Lokali għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Ministeru responsabbli għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jingħata d-differenza tal-ispejjeż żejda li jkunu riżultat tat-twettiq tal-istrateġija. Fejn iż-żmien jippermetti, il-Kunsill Lokali jrid joħroġ s-sejħa għall-offerti mill-inqas sitt (6) xhur qabel ma jiskadi l-kuntratt sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex tiġi aġġudikata. Għaldaqstant id-dokument tal-offerta u sussegwentement il-kuntratt għandu jinkludi klawsola li tgħid illi l-kuntrattur ikun marbut li jagħmel dawk it-tibdiliet neċessarji abbażi tal-istrateġija tal-iskart, skont kif jingħata lilu mill-Kunsill Lokali. Spejjeż żejda għal dan il-għan irid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill Lokali.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li dan is-suġġett għandu jiġi trattat fid-dettal mit-*Tender Adjudication Board*.

## 12.1. *Live Streaming* ta' Seduti tal-Kunsill (I/1/3/Vol V)

12.2. Is-Segretarju rrefera għas-sejħa li saret dwar ix-xiri u l-installazzjoni ta' tagħmir marbut mal-*live streaming*, li wieġbu għaliha d-ditti Smart Technologies Ltd u Correct Terminations Ltd. Huwa għarraf ukoll li saret evalwazzjoni teknika minn Galea Curmi Engineering Consultants li kkonkludew li l-ebda ditta ma issodisfat ir-rekwiżiti nklużi fis-sejħa. L-offerent Correct Terminations Ltd kien l-aktar wieħed qrib, billi l-uniku *item* li ma kellux jaqbel kienet ir-*resolution* tal-*cameras*.

12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-inġinier inkarigat għandu jikkuntattja lil Correct Terminations Ltd bil-għan li jiġu stabbiliti l-ispejjeż involuti sabiex il-*cameras* jinġibu konformi.

12.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li skont *e-mail* mibgħut mid-Dipartiment fit-28 ta' Jannar 2014, is-sistema trid tiġi installata sal-aħħar ta' Frar 2014.

## 13.1. Manutenzjoni meħtieġa fuq il-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

13.2. Il-Kunsillier D. Vella għarraf lill-Kunsill illi l-*Contracts Manager* intalab jagħmel spezzjoni tal-bini msemmi fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara. Il-Perit J. Attard ipprepara *bill of quantities* u għamel stima li tammonta €1,068.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-istimi skont il-proċedura stabbilita, sakemm ma jsirx xi arranġament mat-Taqsima tar-Restawr fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Servizzi.

**14.1. Manutenzjoni fuq Kappella f'Ta' Msid (R/2)**

14.2. Is-Sindku rrefera għall-kappella msemmija li tinsab qrib il-Marfa. Huwa qal li s-saqaf ta' din il-kappella kien sfronda u ġie msewwi minn żewġ persuni li għandhom ir-raba' fil-qrib. L-istess persuni appellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdihom *hydrolic lime* għat-tikħil tal-ħitan minn barra u ġebel li hemm nieqes fiż-żuntier li hemm madwar l-istess binja. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-persuni konċernati lesti li jgħaddu ċ-ċwievet tal-kappella lill-Kunsill.

14.3. Il-Kunsill approva x-xiri tal-materjal mitlub.

**15.1. *Pelican crossing* fi Triq Ġorġ Borg Olivier/Triq il-Marfa (T/3/3/Vol IV)**

15.2. Is-Sindku ikkummenta li qed ikun pressjoni sabiex isiru *traffic lights* qrib Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa semma t-tfal li jattendu l-MUSEUM u n-nies li jeħtiġilhom imorru fid-direzzjoni tas-Santwarju u Misraħ il-Parroċċa.

15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li din tista' issir minflok il-*pedestrian crossing* bil-*belisha beacons* eżistenti, fejn it-triq hija dejqa. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-parir ta' Transport Malta.

**16.1. Arranġament tat-traffiku b'rabta mal-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)**

16.2. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-periklu li jeżisti għat-tfal tal-*kindergarten* li jattendu l-Iskola Primarja tal-Mellieħa u jużaw il-bieb li hemm fi Triq il-Mitħna l-Ġdida. Huwa għalhekk ippropona li l-istess triq issir *one-way* 'l isfel temporanjament fil-ġranet tal-iskola fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal, bejn it-8.15am u d-8.45pm u bejn is-1.30pm u s-2.00pm. Għalhekk tabelli *No Entry* bil-ħinijiet għandhom jitwaħħlu fi Triq il-Mitħna l-Ġdida kantuniera ma' Triq l-Isqof Pace.

16.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-parir ta' Transport Malta.

**17.1. Andament tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol VIII)**

17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li ħinijiet tal-Gwardjani Lokali ġew imtawwla minn sagħtejn għal erba' siegħat kuljum skont ir-rotot li ser jiġu ndikati mill-Kunsilli Lokali. Dwar l-Eco-Wardens, is-Sur E. Bartolo qal li l-Kumitat Reġjonali ddeċieda wkoll li dan is-servizz jibda jingħata għal perjodu ta' erba' siegħat kull xahrejn, filwaqt li kull Kunsill intalab jindika l-postijiet li l-aktar jeħtieġu sorveljanza.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-rotot tal-*Eco-Wardens* għandhom ikunu ikkonċentrali fuq l-ikkampjar u l-*bring-in sites*.

17.4. Is-Sindku lmenta illi minkejja li saret laqgħa mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali s-sitwazzjoni dwar l-infurzar mill-Gwardjani Lokali baqgħet ma tbidlitx minn kif kienet fl-aħħar xhur. Is-Sur J. Buttigieg tenna li r-rotta tinkludi biss it-toroq ewlenin, filwaqt li f'toroq oħra jitħallew barra għal kollox, minkejja li jkun hemm ksur ta' regolamenti, bħalma hija dawk tal-*one-way*, ipparkjar doppju, ostakolar tal-karreġġjata eċċ. Is-Sur J. Buttigieg qara ittra datata 9 ta' Jannar 2014, fejn persuna lmentat li ipparkjat il-vettura tagħha f'12.44pm fi Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Gwardjana Lokali innutat dan u ħallietha toħroġ mill-vettura u daħlet tixtri. Sakemm għamlet hekk, din il-Gwardjana ħarġitilha avviż ta' kontravvenjoni għaliex ħalliet il-vettura mingħajr arloġġ wara l-*windscreen.* F'dik il-parti tat-triq wieħed jista' jipparkja bejn is-1.00pm u t-3.00pm mingħajr ma juri l-arloġġ.

17.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ikkummenta li l-Gwardjana kellha tkellem lis-sewwieq, filwaqt li kellha wkoll tittollera l-ipparkjar mingħajr arloġġ, billi r-restrizzjoni kien fadalla kwarta biss biex tiskadi. Huwa qal ukoll li talab rendikont tal-kontravvenzjonijiet li ngħataw fl-aħħar tliet xhur biex jiġi stabbilit bl-eżatt f'liema toroq qed tkun indirizzata l-ħidma tal-Gwardjani Lokali.

17.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir ilment formali mal-Kumitat Reġjonali dwar is-sitwazzjoni.

**18.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)**

18.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għat-trasport li qed jiġi pprovdut mill-Kunsill għall-anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha. Kontra kif kien

maħsub ma jidhirx li dan qed jintuża daqstant u għalhekk sas-seduta li jmiss huwa jkun jista' jissottometti rendikont dwar in-numru ta' anzjani li nġarru kull vjaġġ sa minn meta beda s-servizz.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Arranġamenti tat-Traffiku fiż-żona ta' Santa Marija Estate (T/3/2/Vol VII)**

19.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa ltaqa' mas-Sur Bernard Blagg mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex titjieb is-sigurta` ġewwa l-istess żona, f'dak li huwa traffiku. Fl-istess laqgħa, l-għaqda irrelevat:

a) Il-ħtieġa li jinbidlu tabelli bil-kliem "*Welcome to Għajn Żejtuna Valley*" illi m'għadhom jidhru daqstant;

b) Jinżebgħu s-sinjali tal-karreġġjata li ċċaraw;

c) Intalbet konsultazzjoni dwar is-sigurta` fi Triq il-Qortin meta din tingħata t-tarmak;

d) Tidjieq il-bankina li tinsab preċiżament fit-tarf ta' Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq l-Kbira;

e) Issir *centre strip* fi Triq il-Qasab kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna;

f) Tneħħija tal-i*speed hump* li hemm fi Triq Għajn Żejtuna bejn Triq il-Pont u Triq Ta' Taħt l-Irdum.

19.3. Is-Segretarju qal li permezz ta' ittra data 15 ta' Lulju 2010, Transport Malta kienet approvat li l-bankina fuq in-naħa tax-xellug fi Triq Għajn Żejtuna (qabel wieħed joħroġ għal Triq il-Kbira) tista' tidjieq għall-wisa' minimu stabbilit ta' 1.20 metri. Is-Sur C. Debono fakkar ukoll li Transport Malta kienet approvat li titneħħa l-i*speed hump* ta' Triq Għajn Żejtuna, permezz tal-imsemmija ittra.

19.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi verifikat dwar jekk Transport Malta kinitx approvat it-tibdil propost għall-*junction* ta' Triq Għajn Żejtuna ma' Triq il-Qasab, sabiex items (d); (e); u (f) jitwettqu f'daqqa.

**20.1. Seduta tal-Kabinett tal-Ministri fil-Mellieħa (M/4/2/Vol II)**

20.2. Is-Sindku rrefera għas-seduta tal-Kabinett li saret fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial fil-21 ta' Jannar 2014. Fl-istess laqgħa ġew mistiedna jattendu s-Sindki u l-Kunsillieri mir-Reġjun tat-Tramuntana. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa ntalab jagħmel diskors li fih inkluda diversi punti dwar il-lokalita` li għandhom jiġu trattati mill-Gvern Ċentrali. Flimkien miegħu attendew il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillieri J. Attard, E. Bartolo, A. Brincat Stellini; H. Fenech; J. Gauci u D. Vella. Huwa qal li l-punti segwenti kienu fost li dawk li ġew imqanqla minnu:

- Il-bilanċ li għandu jkun hemm bejn il-ħarsien tal-wirt storiku/kulturali u t-turiżmu u l-iżvilupp infrastrutturali li dan jirrikjedi;
- It-traffiku fit-toroq ewlenin;
- It-titjib meħtieġ fil-*promenade* tal-Għadira;
- Finanzjament ta' servizzi marbuta mat-tindif fuq ix-xtut billi l-Gvern jgħaddi parti mill-ħlasijiet tal-permessi li jitħallsu lid-Dipartiment tal-Artijiet mill-operaturi ta' negozji li joperaw f'dawn il-postijiet; u
- Konservazzjoni tal-Palazz ta' Selmun.

20.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ikkummenta li l-punti mressqa mis-Sindku kienu kollha validi. Huwa qal li punt illi ma ssemmiex kien il-ħtieġa ta' triq alternattiva li tgħaqqad il-Mellieħa mal-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar.

20.4. Is-Sindku qal li fil-fatt saret *addendum* mad-diskors tiegħu, fejn il-punt imqajjem fil-minuta 20.3 ġie inkluż ukoll. Dan ġie mgħoddi lis-Segretarju Permanenti Prinċipali / Segretarju tal-Kabinett sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni.

**21.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħarġa kulturali li saret fit-30 ta' Jannar 2014 kienet tinkludi l-Mużew tal-Avjazzjoni, u l-Fortifikazzjonijiet. Hija pproponiet li fit-12 ta' Frar ikun hemm ħarġa għall-Malta National Aquarium fil-Qawra, flimkien oħra fis-27 ta' Frar għall-Ġonna ta' San Anton li jkun jinkludi l-Palazz Presidenzjali, bi ħlas ta' €15 u €6, rispettivament.

21.3. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa.

**22.1. Stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)**

22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill illi filwaqt li għaddej l-issettjar tal-ktieb imsemmi, irriżulta li l-awtur għadda materjal aktar milli mistenni f'dawk li huwa ritratti. Għaldaqstant ingħata parir li l-pubblikazzjoni tinqasam f'żewġ volumi u għalhekk l-ispiża tal-istampar, iddisinjar u issettjar telgħet minn €1,517 għal €2,875.

22.3. Il-Kunsill approva l-ispiża addizzjonali peress li n-nefqa ser tibqa' fil-parametri stabiliti fir-regolamenti finanzjarji, f'dak li jirrigwarda xiri ta' servizzi permezz ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet.

**23.1. Bandli għal persuni b'diżabilita` fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

23.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf lill-Kunsill illi fil-5 ta' Frar 2014 ser issir spezzjoni flimkien mal-*Contracts Manager*, fil-*playing field* imsemmija bil-għan li jiġi determinat il-post fejn għandu jsir il-*play equipment* għall-persuni b'diżabilita`, kif ukoll sabiex ikun jista' jitfassal *bill of quantity* tax-xogħol meħtieġ sabiex dan ikun jista' jitqiegħed fuq il-post.

23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ġie miftieħem li għandhom jiġu vvutati €7,000 taħt il-vot 7519.

**24.1. Abbuż tal-*bring-in site* fil-Manikata (K/6/11)**

24.2. Il-Kunsillier D. Vella irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett, partikularment dwar meta din ġiet trasferita għall-area tal-*Guardroom* fi Triq il-Manikata, f'Għajn Tuffieħa. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

24.3. Is-Sindku stqarr li mill-kuntatti li kellu, irriżulta li diġa teżisti *CCTV camera* proprjeta` tal-Park tal-Majjistral, li b'xi mod tista' tiġi użata biex issir sorveljanza tal-*bring in site*. Huwa qal li d-dehra tal-post tista' titjieb billi ssir pjattaforma tal-konkos. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li ser ikompli l-kuntatti tiegħu mad-direzzjoni tal-Park.

**25.1. Sistema tad-drenagg f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)**

25.2. Il-Kunsillier J. Gauci irrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett f'seduti preċedenti u għarraf li ħaddiema mill-*Waste Water Section* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma spezzjonaw il-*mains* tad-drenaġġ bejn Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq in-Nixxiegħa, iżda din ma kinitx konklussiva peress jeħtiġilhom jkomplu l-investigazzjonijiet tagħhom permezz tal-*camera*.

25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**26.1. Attrezzar tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)**

26.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li tkompla x-xogħol mill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi sabiex jiġu pprovduti l-attrezzi meħtieġa sabiex tintrama x-xibka tal-volleyball u dik tat-tennis.

26.3. Is-Segretarju għarraf illi nstabet soluzzjoni biex jiġi kkontrollat id-dħul tal-ilma fid-*dressing rooms* fuq in-naħa fejn hemm il-*gutter*. Huwa għaldaqstant ġibed l-attenzjoni li dan jista' jerġa jingħalaq bil-lastiku bħal kumplament tal-wiċċ tal-*court*.

26.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni proposta skont il-minuta 25.6.

**27.1. Attivita` fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)**

27.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li Jum iż-Żgħażagħ ser jiġi mfakkar fil-21 ta' Marzu 2014. Huwa għarraf li s-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Sports qed jipproponi li ssir *car wash* fis-16 ta' Marzu 2014, bis-sehem taż-żgħażagħ, li d-dħul minnha jmur b'rizq in-Noah's Ark Animal Sanctuary.

27.3. Il-Kunsill approva l-attivita`.

**28.1. Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)**

28.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għas-sejħa li kienet saret mill-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ permezz ta' *e-mail* datata 30 ta' Ottubru 2013, fejn tħabbar li tniediet il-Hames edizzjoni tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Kien tħabbar li l-istess kunsilli ser jingħataw fondi sabiex jimplimentaw proġett. Is-Sur H. Fenech qal li r-rispons kien wieħed fqir, forsi minħabba li ż-żgħażagħ Mellehin kienu xi ftit demoralizzati, billi ma kellhomx suċċess bil-proġetti li ssottomettew fiż-żewġ edizzjonijiet preċedenti, minkejja li kienu ta' sustanza u marru lill'hinn mil-livell ta' dawk magħżula.

28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**29.1. Gymnasium tal-*weightlifting* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)**

29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fit-8 ta' Marzu 2014 ser jiġi inawgurat il-gymnasium li ser jintuża għat-taħriġ fil-*wieghtlifting* lit-tfal fl-etajiet bejn 10 u 13-il sena. Kompliet tgħid li għal din l-attivita` ser jattendu uffiċjali mill-Malta Weightlifing Association li qed jagħtu l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva.

29.3. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti u talab li jingħata aktar dettalji.

**30.1. Fondi tal-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol IV)**

30.2. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għall-fatt li attwalment qed jitniedew il-programmi l-ġodda dwar l-iffinanzjar ta' proġetti minn fondi tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2014-2020. Huwa qal li qed isir aċċenn fuq l-isports.

30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**31.1. Laqgħat Annwali tal-Lokalita` (F/1/25)**

31.2. Is-Sindku ppropona li minflok laqgħa waħda tal-lokalita`, kif titlob il-liġi, għandhom jsiru waħda fl-uffiċju tal-Kunsill fl-4 ta' Frar u oħra fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata fis-6 ta' Frar 2014 fis-7.00pm.

31.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**